MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Numru. 102/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Stephen Moses Bugeja**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stephen Moses Bugeja tal-karta tal-identita` numru 96185(M).

Akkuzat talli:
Fil-25 ta’ Awwissu 2008, u fil-jiem u gimghat ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b’xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew

certifikat falz, ai termini tal-Artikoli **42(A),(b),(d) u 185(1)** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b’mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-sub-titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor, ai terminu tal-Artikolu **121A(1)** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, ai termini tal-Artikolu **188** tal-Kodici Krminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, halef il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b’ligi li jaghti l-gurament, ai termini tal-Artikolu **108** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti pprezentati, inkluz l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat illi r-raba’ akkuza giet irtirata mill-prosekuzzjoni fl-udjenza tat-18 ta’ Frar, 2011;

Rat l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammissjoni ghall-ewwel tlett akkuzi kif dedotti kontrih biss, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu;

Ghal dawn il-motivi; u wara li rat l-Artikoli 17(h), 42(d), 185(1), 121A(1) 188, 108 tal-Kodici Kriminali, qeghda issib lill-imputat Stephen Moses Bugeja hati biss tal-ewwel

tlett akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------